Segretarjat
Komunikazzjoni Soċjali
c/o Media Centre
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda
Malta
Tel: 256 99 134

No 615

# GWIDA tal-Film

13 ta' Novembru, 2010

## EASY A 16

Olive Penderghast, tfajla fuq tagħha, tirrakkonta fuq il-web cam kif gidba żgħira kellha riperkussjonijiet fuq ħajjtha. Dan ġara meta Rhiannon, ħabiba tal-qalb, xtaqet li fi tmiem il-ġimgħa, Olive tmur magħha kamp. Biex teħles minnha, Olive qaltilha li kellha appuntament mal-maħbub tagħha. Dan ma kien minnu xejn u meta Rhiannon, xi ftit jiem wara, bdiet tirsisti magħha biex tgħidilha l-verità, Olive toħroġ b'gidba li hi kienet tilfet il-virġinità tagħha f'dak it-tmiem il-ġimgħa. Fil-klassi tal-Ingliż, waħda min-novelli studjati għal dik is-sena kienet "The Scarlet Letter" ta' Nathaniel Hawthorne, li kienet tittrattta adulterju u mistħija, novella li tat ftit ideat lil Olive. Ir-riżultat kien li Olive minflok rat l-iżball tagħha, aktar kompliet tinżel 'l isfel fl-imġiba tagħha, biex fil-miftuħ turi ruħha li kienet tfajla promiskwita, b'riżultat li ġibdet lejha l-attenzjoni ta' ħafna ġuvintur. Dan bdiet tagħmlu biex issaħħaħ il-verżjoni ta' din il-gidba. Iżda din l-imġiba xejn ma għenet biex sħabha, jinġibdu lejha. X'jiġri meta Olive tibda tintebaħ li din l-imġiba immatura ma qed twassalha mkien?

***GWIDA MORALI: Minħabba li l-istorja hi nieqsa ħafna minn valuri Nsara u li tkompli tħawwad l-imħuħ ta' kif għandha tkun l-imġiba xierqa bejn is-sessi, ikun tajjeb li l-film jarawħ dawk li għalqu t-tmintax-il sena. (18) ******

## MR NICE 18

Film dwar il-ħajja tal-kuntrabandist tad-droga magħruf Howard Marks. Huwa twieled f'Wales, f'belt tal-minjieri tal-faħam fejn in-nies kienu akkaniti tar-rugby. Marks iħossu barra minn postu hemmhekk u jistinka biex irnexxielu jmur jistudja fl-universita' ta' Oxford minkejja ħafna intoppi. F'Oxford tal-bidu tas-snin 60 mal-ewwel isir midħla tal-istudenti li jieħdu d-droga u jibda jmexxi l-ħaxixa. Huwa jibni relazzjoni ma' terrorist magħruf tal-IRA li permezz tiegħu seta' faċilment idaħħal id-droga. Il-ħajja ta' Marks il-ħin kollu ddur f'ċikli u għalhekk il-film huwa serje ripetittiva ta' nisa, bejgħ ta' droga, sforzi biex ibiddel ħajtu, arresti u kawżi l-qorti. Il-film jieħu ismu mill-isem falz li Marks jagħti lilu nnifsu, Donald Nice. Taħt dan l-isem għex ħajja kwieta flimkien ma' martu u wliedu, sakemm il-ġustizzja laħqitu. L-iktar fatt interessanti ta' ħajtu huwa kif l-M16 użat lil Marks biex iżżomm lill-IRA taħt għajnejha.

***GWIDA MORALI: Kemm minħabba t-temi trattati, kif ukoll minħabba xeni ta' droga, sesswali, vjolenza u kliem ħażin, dan il-film jgħodd għall-udjenza adulta. (18) ******

## SAW VII (3D) 18

Mill-bidunett tal-film nieħdu ħjiel kif se tiżviluppa l-istorja. Mark Hoffman, eks-investigatur, ikompli bix- xogħol makabru tiegħu. Mill-ewwel ikollna esperjenza qarsa ta' mewta kiefra u mdemma ta' tliet żgħażagħ, Ryan, Brad u Dina, li sseħħ f'armatura ta' ħanut quddiem numru ta' spettaturi. Wara dan, Hoffman stess jeħlisha ħafif meta Jill Tuck, li għamlet żmien tgħinu fil-pjanijet djaboliċi tiegħu, tpoġġilu fuq rasu nassa biex toqtlu. Sadanittant, hi tmur għand Matt Gibson, investigatur, u tikxef kollox fuq Hoffman. Jill titlob protezzjoni u immunità mill-pulizija. Hoffman minn hawn jibda serje ta' qtil bil-għan li jaħtaf lil Jill u jpattilha ta' dak li għamlet.

***GWIDA MORALI: Film tal-biża', vjolenza perversa, b'ħafna xeni makabri u mdemmim, ta' tortura u tbiċċir, bi kliem goff u aħrax. Minħabba f'hekk ikun tajjeb li l-film jarawħ adulti maturi. (AR) *****

**RATINGS**

**U - is-suġġett huwa moralment tajjeb għal kulħadd**
**PG - it-tfal jifhmu l-film aħjar jekk ikunu msieħba minn adult**
**12 - il-pre-adolexxenti jistgħu jifhmu s-suġġett mingħajr ma jagħmlilhom ħsara**
**16 - l-adolexxenti jistgħu jifhmu s-suġġett mingħajr ma jagħmlilhom ħsara**
**18 - il-film jitratta problemi b'temi soċjali ta' natura serja li jitolbu udjenza adulta**
**AR - it-trattament jitlob ċertu riżerva fil-każ ta' adulti wkoll**
**Ħ - il-film huwa kollu kemm hu negattiv**

Dawn ir-ratings huma marbuta mal-livell ta' maturità li wieħed jistenna minn persuna.